# Fil-Qorti tal-Magistrati Malta

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M(Kent)., LL.D**

**Illum is-7 ta' Jannar 2019**

**Kaz Numru 713/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs.**

**Rawad Briga**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Lil Rawad Briga ta' 32 sena, detentur tal- karta ta' l-identita numru:-14005/2012 iben Abdelsalam u Sumaja, mwieled Tripli il- Libja nhar 01/04/1985 u b'digriet tal- 25/11/2019residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u lil omissis ta'25 sena, detentur passaport Libjan 483423 iben Kamel u

Zohra nee El Waled, imwieled Tripli il-Libja nhar 20/07/1992 u residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin Tahrika ta' kawża tal-Pulizija.

Akkuzati talli:

Nhar il- 10 ta' Gunju 2017, ghal habta ta' bejn 09:00 am u 09:30 a.m., fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Rahal I- Gdid (Paola), Malta minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunajtu hsara fil-gisem jew fis-sahha tal- persuna ta' Xarofon Florakos, griehi ta' natura griehi, jew igibilha disordni P'mohhha kif iccertifikat Dr. Alexandra Baldacchino Reg. No. 2180 mic-Centru tas-Sahha Paola u dan bi ksur tal-Artikli 214,216, tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbejtu ghall-persuna ta Xarofon Florakos sabiex tingurjaha, idejjaqha jew taghmillha hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodiči bi ksur tal-Artikli 339 (d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Fkaz ta htija l-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l- artiklu 33A tal-Kodiči Kriminali tal-Kap 9.

L-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmi Xarofon Florakos, u minn issa tapplika I-proveddimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liğijict ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' htija 1-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Xarofon Florakos ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta.

Il--Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputati Rawad Briga u omissis bhala li saru recidivi ai termini tal-artikoli 49,50, u 289 tal- Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Rawad Briga u omissis u li saru definittivi u majistghux jigu mibdula.

Rat illi din il-Qorti kif inhi ppreseduta giet assenjata din il-kawza permess ta digriet ta' nhar il-10 ta' Mejju 2019 moghtija mis-Sinjurija Tieghu Onor. Prim Imhallef Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat li fl-udjenzja tal-23 ta' Settembru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ippreseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti;[2]

Rat li matul is-seduta tal-25 ta' Novembru 2019, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghal-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

---

[1] Folio 178 ta' l-atti processwali
[2] Folio 183 ta' l-atti processwali

Rat li l-imputat rega tenna u ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirizulta lura ghal nhar il-10 ta' Gunju 2017 meta gie rraportat mill-Facilita Korretiva ta' Kordin li kien qam argument bejn xi prigunier gewwa d-divizjoni 12 u wiehed mill-prigunieri sofra griehi gravi f'xofftejh u anke sarulu xi punti.

Mill-investigazzjoni tal-pulizija gie kkonfermat li l-incident sar bejn l-vittma, certu Xenafon Florakos, l-imputat u persuna ohra, Kamal Bakush. Il-vittma kien qieghed inaddaf gewwa divizjoni 12, meta minnufih, l-imputat u l-persuna ohra, Kamal Bakush qabduh mill flokk u tawh daqqa ta' ponn fuq xuftejh bil-konsegwenza li qasmulu xoftejh u beda hiereg hafna demm.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2019 din il-Qorti jkollha issibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghal-finijiet ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni li saret mid-difiza li l-imputat ghandu jinghata qrib il-minimu, liema konsiderazzjoni il-prosekuzzjoni ma oggezzjonatx ghaliha.

## Decide

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 216, 339(d), 33A tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali qeghda ssib, lil Rawad Briga, hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti tikkundannah ghal piena ta' tmintax il-xhar habs.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hati a favur ta' Xarofon Florakos ghal perjodu ta' hames snin bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-vittma u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-hati milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal- vittma Xarofon Florakos, liema Ordni tigi fis-sehh b'mod immedjat.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Komunika tal-Ordni tal-Protezzjoni lill-Kumissarju tal-Pulizija.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Jannar 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**